**Ilum iltqajt miegħek**

Tlajt bl-addoċċ fuq tal-linja
U poġġejt fuq l-sijt,
Ma nafx kif imma ħarist
Hemm quddiemi lilek sibt.

Ġejt bejn ħaltejn jekk nafekx
Imma l-leħen irqajjaq,
Talabni biex inkellmek
Hekk jien għamilt bħall-Fqajjar.

U meta kellimtek dlonk
Ħassejt ħlewwet is-sema,
Li niżlet tgħammar siekta
Għalkemm għalih tinstema.

Mur għidli kif l-Imgħallem
Laqqagħni wara tant snin,
Miegħek, fid-dawl tal-għodwa
Veru t-toroq tal-Bambin.

Il-qalb teħber w tittama
Tiftakar b'ħafna uġiegħ,
Imma tifraħ u tibki
Tgħannaq ħa tfiq u tistrieħ.

U tibki l-qalb muġugħa
Biss tibqa' wisq tittama,
Għax taf li fit-tbatija
Hemmhekk tinbet it-tama.

Ħalli għajnejk hekk ħelwin
Li tak dak Alla tiegħek,
Jibqgħu jiftħu l-firolli
Għalhekk illum ltqajt miegħek.

Patri Mario Attard OFM Cap
14 ta' Ġunju 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.